BCGL
ADVOCATES

56 Melita Street Valletta VLT 1122 Malta

info@bcgladvocates.com
www.bcgladvocates.com

Tribunal ta` Reviżjoni dwar l-Ambjent u l-Ippjanar
St Francis Ravelin
Floriana

126 /2018
Ref:
12 ta` Marzu 2018

ENVIRONMENT AND PLANNING REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
26 MAR 2018
ST. FRANCIS DITCH
FLORIANA

Sinjur,

**RE: PA 11092/17 – 3, Flat 5 Triq il-Konservatorju kantuniera ma` Misraħ San Kalċidonju, Floriana**

Ninsab inkarigat nikteb f'isem James Formosa (ID 21783G) ta` 'San Nikola' Triq Santa Luċija, Kerċem, Għawdex biex ninterponi appell mid-deċiżjoni mogħtija fid-19 ta` Frar 2018.

Apparti dan, permezz tal-preżenti l-klijent tiegħi qiegħed jitlob li dan it-Tribunal jordna s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-imsemmi permess għar-raġunijiet hawn taħt indikati li huma wkoll il-mertu tal-istess appell.

<u>L-ewwel aggravju</u>

Illi l-klijent tiegħi huwa *legitimate third party objector* u fil-fatt ressaq *objection* u ġie debitament rikonoxxut bħala *objector* iżda ma ġiex informat li l-applikazzjoni ġiet appuntata għad-deċiżjoni quddiem il-Bord fid-19 ta` Frar 2018 meta l-applikazzjoni ġiet milqugħa.

Sussegwentement il-klijent tiegħi ġie informat li l-applikazzjoni ġiet approvata u dan b'sorpriża kbira għalih. L-esponenti jtenni illi <u>l-fatt li ma ġiex avżat li l-każ ġie appuntat</u> jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet tiegħu li jkollu smiegħ xieraq. Huwa umilment sottomess illi tenut kont l-lokalita u n-natura u entita' tax-xogħolijiet in kwistjoni u l-fatt li kien hemm oġġezzjoni leġittima li l-esponenti kellu jiġi avvzat li l-applikazzjoni ġiet mressqa għad-deċizjoni halli huwa jkollu opportunita jkun presenti u anke jagħti l-veduti tiegħu. Dan d-dritt ta smigħ ġie negat.

Għaldaqstant id-deċiżjoni għandha tiġi revokata u l-atti jintbagħtu lura quddiem il-Bord, diversament presedut ovvjament, biex jerġa jiġi deliberat u deċiż mill-ġdid.

<u>It-tieni aggravju</u>

Fit-tieni lok, l-applikazzjoni in kwistjoni hija bbażata fuq dikjarazzjoni falza u dan stante illi l-applikant Jason Borg iddikjara li huwa *sole owner* tal-*area* fejn irid jiżviluppa mentri fil-fatt l-esponenti għandu sehem ta` terz indiviż tal-arja tal-bejt fejn huwa propost li jsir l-iżvilupp. Dan l-aspett ġa ġie raviżat lill-Awtorità meta huwa intavola l-oġġezzjoni iżda l-fatt li l-applikant Jason Borg għamel dikjarazzjoni falza ma ġie bl-ebda mod konsiderat.

Peter Caruana Galizia
LL.D.
Tel: +356 2123 6211
Fax: +356 2124 5349
Mob: +356 9942 3156
petercg@bcgladvocates.com

Andrew Borg-Cardona
LL.D. M.A. (Business Law)
Tel: +356 2124 0432
Fax: +356 2124 5349
Mob: +356 9949 2786
andrewbc@bcgladvocates.com

Peter Borg Costanzi
LL.D., Dip.Can (Matr), M.Jur (Eu & Comp)
Tel: +356 2123 8004
Fax: +356 2124 5349
Mob: +356 9947 0097
peterbc@bcgladvocates.com

Claudine Pace Zarb
B.A. LL.D. Dip. Can. (Matr.)
Tel: +356 2122 6545
Fax: +356 2124 5349
Mob: +356 9946 5265
cldzarb@bcgladvocates.com

BCGL
ADVOCATES

Fil-kuntratt tal-Akkwist tiegħu l-esponenti akkwista s-segwenti:

> "... lix-xerrej li min-naħa tiegħu bl-istess titolu qed jaċċetta, jixtri u jakkwista l-flats numri tlieta u erbgħa (3 u 4) li jinfdu flimkien u huma kontigwi u adjaċenti u jiffurmaw parti minn blokk ta` bini bin-numru tnejn (2), Triq il-Konservatorju, l-Furjana, Malta. Dawn iż-żewġ flats flimkien jinsabu fis-second (2nd) floor level ossija qegħdin sovraposti għall-ground floor u first floor level. **L-entratura, it-taraġ u l-bejt huma komuni għall-flats kollha fl-imsemmi blokk.** ..."

Fl-opinjoni tal-esponenti, il-fatt li l-applikazzjoni ma saritx mis-sid, irendi l-istess applikazzjoni bħala waħda irrita u nulla u konsegwentement l-applikazzjoni għandha tiġi miċħuda.

Illi di fatti qabel ma daħlet l-applikazzjoni l-esponenti intalab li jiffirma dokument fejn jagħti l-kunsens tiegħu iżda huwa rrifjuta li jagħmilha u għalhekk Jason Borg applika in mala fede għax kien jaf ben tajjeb illi l-arja in kwistjoni m'hijiex kollha tiegħu.

Illi l-esponenti ma jridx li jkun hemm binja ġdida fuq il-bejt in kwistjoni u dan billi b'hekk jiġu preġudikati id-drittijiet tiegħu.

Inselli għalik,
**BCGL Advocates**

Peter Borg Costanzi

enc bank payment form
permit approval
Letter from AIC David Zahra